# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 170/13MH**

**Illum 26 ta' April, 2017**

**Garry (K.I. 265367M) u Pauline (K.I. 123068M) konjugi Hurst**

**vs**

**Giuseppe Fava (K.I. 554757M) u GasanMamo Insurance Ltd**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat tal-atturi** tad-19 ta' Frar 2013 fejn gie premess:

*"1. Illi fil-5 ta' Settembru 2007, ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar (1.00pm), fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, sehh incident awtomobilistiku meta waqt li l-intimat kien qieghed isuq il-mutur bin-numgru ta' registrazzjoni LRN250, laqat u investa lill-esponenti Pauline Hurst fejn, sussegwenti ghall-istess, habat mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni*

*BAO 037, li kienet ipparkjata, propjeta` tal-esponent Garry Hurst* ***(Dok. GPH1)****;*

2. *Illi konsegwenza ta' dan l-incident, l-esponenti Pauline Hurst korriet gravament, tant li giet certifikata li qed issofri minn debilita` permanenti fir-rata ta' erba' fil-mija (4%) mill-konsulent ortopedika Mr. Massimo Abela (****Dok. GPH2)****;*

3. *Ghal dan incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament l-intimat Giuseppe Fava minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;*

4. *Illi gew istitwiti proceduri kriminali fil-konfront ta' Giuseppe Fava fir-rigward tal-incident de quo mill-Pulizija Ezekuttiva fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li, permezz ta' sentenza moghtija fit-28 ta' Settembru 2011, li ghaddiet in gudikat, l-istess intimat instab hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih (ghajr ghall-ewwel zewg akkuzi) u gie kkundannat jhallas multa ta' elfejn ewro (€2,000)****(Dok. GPH3);***

5. *Illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident, l-esponenti garrbu danni emergenti (damnun emergens), li kienu jinkludu d-danni subiti fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAO 037, kif ukoll spejjes ta' tobba u specjalisti u telf iehor li ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

6. *Bhala konsegwenza tal-fuq imsemmi incident, l-esponenti Pauline Hurst garrbet ukoll lucrum cessans kagun tal-fatt li bhala effett dirett tal-incident, l-istess esponenti sofriet debilita` permanenti riskontrata u accertata;*

7. *Illi wara li nghaat is-sentenza fil-proceduri kriminali stitwiti l-intimat Giuseppe Fava fuq imsemmija, is-socjeta intimata GasanMamo Insurance Limited, fil-vesti taghha ta' assikurattur tal-mutur bin-numru ta' registrazzjoni LRN250, accettat li, minghajr pregudizzju, tittratta mal-avukat tal-esponenti dwar il-likwidazzjoni ta' danni favur l-istess esponenti;*

8. *Illi kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn il-konsuleti legali tal-esponenti u tas-socjeta` intimata GasanMamo Insurance Limited u sahansitra, da parti tal-istess esponenti, saret claim dettaljata kif kien rikjest mill-istess GasanMamo Insurance Limited, kif ukoll konsenja ta' diversi dokumenti in sostenn tal-pretensjoni tal-esponenti;*

10. *Izda, cio` nonostante, ma ntlahaqx ftehmim bejn l-esponenti u s-socjeta intimata Gasan Mamo Insurance Limited.*

*Ghalhekk kellha ssir din il-kawza fejn ir-rikorrenti qed jitolbu li din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara lill-intimat Giuseppe Fava unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu r-rikorrenti;*

2. *Tillikwida d-danni kollha tar-rikorrenti, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-intimat Giuseppe Fava u lis-socjeta` intimata GasanMamo Insurance Limited fil-vesti taghha ta' assikurattur tal-mutur*

*bin-numru LRN250, liema mutur kien qed jinstaq mill-istess intimat Giuseppe Fava, sabiex ihallsu soldament bejniethom lir-rikorrenti dawk l-ammonti li jigu dikjarati bhala dovuti minnhom lir-rikorrenti in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali tad-9 ta' Marzu 2009, tal-4 ta' Jannar 2011 u tat-3 ta' Jannar 2013, u bl-imghax legali kontra l-istess intimati, li huma minn nguni ghas-subizzjoni".*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat;

Rat **ir-risposta guramentata konguntiva tal-konvenuti** tat-12 t' April 2013[1] li permezz taghha ressqu s-segwenti eccezzjonijiet:

*"1. ILLI t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma seħħx b'xi tort ta' l-intimat Fava, iżda unikament tort tar-rikorrenti Pauline Hurst, illi qasmet it-triq in kwistjoni bl-addocc u mingħajr ma ħadet id-debiti prekawzjonijiet – u dana b'tort, negliġenza u imprudenza da parti tagħha hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*2. ILLI subordinatament għall-ewwel eccezzjoni, jiġi rilevat illi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Settembru, 2011 (eżebita in atti mir-rikorrenti bħala Dok. GPH3) ukoll stabbiliet illi r-rikorrenti Pauline Hurst "<u>ma baqgħetx attenta għal dak li kien qed jiġri madwarha waqt li kienet qed taqsam tant illi lanqas biss indunat illi kien ġej mutur fejn is-sewwieq saħansitra beda jgħajjtilha sabiex twarrab min-nofs w</u>*

[1] Fol 28 et seq

*<u>indunat bih biss meta ġiet investita minnu</u>". B'dan l-aġir, ir-rikorrenti kissret ir-regolamenti 23 sa' 26 tal-Highway Code, u għandha għalhekk twieġeb għan-negliġenza tagħha stess;*

3. *ILLI mingħajr preġudizzju għall-ewwel u t-tieni eccezzjoni supra, id-danni allegatament subiti mir-rikorrenti ma humiex accettati, u qiegħdin jiġu kkontestati. Ir-rikorrenti għandhom għalhekk iressqu kull prova valida skond il-liġi sabiex jipprovaw dak illi qiegħdin jallegaw;*

4. *ILLI inoltre, u mingħajr ebda preġudizzju għal dak sueccepit, jiġi rilevat illi r-rikorrenti Pauline Hurst kienet diġá eżaminata mill-konsulent ortopediku Carmel J. Sciberras fuq talba tagħha stess – u liema rapport kien jistabbilixxi persentaġġ ta' diżabilitá inferjuri għal dak stabbilit mill-konsulent Massimo Abela. Ir-rapport ta' Mr Sciberras qiegħed jiġi anness għal kull buon fini, u eżebit bħala Dok. GMI.1;*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mill-liġi."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness mar-risposta guramentata;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi;

Rat ir-rapport tal-espert mediku mqabbad minnha Mr Joseph N. Borg kif ukoll ir-rapporti medici *ex parte* mressqa in atti;

Rat illi nonostante li l-partijiet inghataw il-fakulta' li jressqu Noti ta' Sottomissjonijiet huma naqsu li jaghmlu dan[2];

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet[3];

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Ikkunsidrat;

Il-kawza tal-lum hija dwar incident stradali li fih l-attrici Pauline Hurst tghid li garrbet dizabilita' permanenti wara li sfat imtajjra mill-mutur misjuq mill-konvenut Giuseppe Fava gewwa Triq il-Qaliet, Marsascala, f'liema ncident il-vettura proprjeta' tal-attur Garry Hurst garrbet ukoll diversi hsarat. L-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenut Fava huwa unikament responsabbli ghall-incident *de quo* kif ukoll ghad-danni konsegwenzjali, kif ukoll sabiex tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi li ghalihom ghandhom jaghmlu tajjeb l-konvenuti solidalment bejniethom.

Minn naha l-ohra l-konvenuti laqghu ghal din l-azzjoni billi rribattew li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-attrici Pauline Hurst peress illi fil-fehma taghhom hija qasmet it-triq bl-addocc minghajr ma ezercitat *a proper lookout* bhala *pedestrian*. Il-konvenuti jzidu li anke l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali stabbiliet in-negligenza tal-attrici, li ghaliha ghandha tirrispondi l-istess attrici. F'kull kaz, id-danni mitluba mill-atturi qeghdin jigu kontestati.

Ikkunsidrat;

[2] Verbal tas-seduta tal-10 ta' Gunju 2016 a fol 220
[3] Fol 226 et seq

**1. Dinamika tal-incident tal-5 ta' Settembru 2007**

Jirrizultaw diversi divergenzi fil-verzjonijiet tal-partijiet dwar kif sehh l-incident.

**L-attrici Pauline Hurst** tixhed hekk[4] -

*"Fil-5 ta' Settembru 2007 ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar [13.00] kont qed insuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAO 037 fi Triq il-Qaliet, Marsaskala. Kont wahdi. Kont gejja mic-centru ta' Marsaskala u kelli l-intenzjoni li nipparkja faccata tal-hanut "Sparkle Image", liema haunt ghadu hemm sal-lum.*

*F'dik it-triq, il-vetturi jistghu jipparkjaw fuq iz-zewg nahat tat-triq. Dakinhar niftakar li kien hemm parkegg liberu faccata ta' dan il-hanut. Sa fejn niftakar jien, kien hemm vetturi pparkjati tul it-triq kollha u jien ipparkjajt bejn tnejn minnhom.*

*Niftakar li dak iz-zmien jien kont ipparkjajt fil-vicinanzi tal-ATM tal-Bank of Valletta, li kien jifforma parti mir-restaurant "Jakarta". Illum il-gurnata, dawk l-istabbilimenti m'ghandhomx hemm peress illi sar zvilupp fuq din in-naha tat-triq. Dak iz-zmien, il-bankina ta' quddiem l-ATM kienet tisporgi ftit il-barra u minhabba f'hekk, kelli nipparkja l-vettura tieghi ftit angolata lejn ix-xellug min-naha ta' wara, kif jidher mill-isketch anness…*

*Kif ipparkjajt, hrigt mill-vettura u dhalt fil-hanut sabiex naghmel il-qadi tieghi. Ghandi nghid illi f'dik il-parti tat-triq m'hemm l-ebda zebra crossing.*

*Kif lestejt ix-xirja tieghi, hrigt mill-hanut, qsamt it-triq u poggejt ix-xirja tieghi fil-but tal-karozza. Ergajt qsamt it-triq sabiex nirritorna t-trolley lil hanut. F'dan il-hin it-traffiku kien kwiet hafna peress li kien kmieni wara nofsinhar fis-sajf.*

---

[4] Affidavit a fol 60

*Meta ergajt qsamt it-triq, kif kont ghamilt fl-okkazjonijiet l-ohra, ergajt harist fuq iz-zewg nahat tat-triq sabiex naccerta ruhi li ma kienx gej traffiku. Fil-fatt, it-triq kienet libera u kien ghalhekk li jiena qsamt. Wasalt fil-vicinanzi tal-vettura tieghi u sahansitra kelli c-cavetta fil-bieba tan-naha tax-xufier sabiex niftah l-istess.*

*Hekk kif kont qed niftah il-bieba kif spjegajt, hassejt daqqa qisa tisbita fil-persuna tieghi. Id-daqqa kienet wahda kbira bhal qisu shock. Kif hassejt id-daqqa, jiena ttajjart lejn in-nofs tat-triq u spiccajt mimduda mal-art. Ghalkemm ma' ntliftx minn sensija, kont mugugha u ma kontx naf ezattament x'kien qed jigri.*

*Jien bqajt fl-istess pozizzjoni li spiccajt fiha ghaliex ma stajtx niccaqlaq. Naf li xi hadd cempel lil zewgi Garry Hurst li dak il-hin kien qieghed id-dar li konna noqogdu fiha dak iz-zmien, gewwa z-Zonqor. Gie fi ftit minuti flimkien mat-tifel taghna Axel Hurst li dak iz-zmien kellu ghaxar snin."*

In **kontro-ezami**[5] l-attrici tinsisti li l-vettura li kienet qed issuq ma kinitx ipparkjata 'l barra daqshekk minn kif jidher fl-isketch tal-Pulizija. Tghid ukoll li hi fethet il-bieba tax-xufier bic-cavetta u fil-mument tal-incident il-bieba kienet diga' fethitha ghalkemm ma kinitx miftuha berah. Hija baqghet issostni li dakinhar kienet wahedha u cahdet li kellha lil binha jew xi membru iehor tal-familja taghha.

Minn naha tieghu l-**konvenut Giuseppe Fava** jghid hekk[6] -

*"1. Jiena kont is-sid tal-mutur bin-numru ta' registrazzjoni LRN 205. Dan huwa mutur zghir tal-marka Peugeot bil-kapacita' ta' 250cc. Dan nuzah biex immur qadjiet zghar.*

[5] Fol 173
[6] Fol 169

*2. Niftakar illi fil-5 ta' Settembru, 2007, jidhirli kien nhar ta' Hamis, jiena kont xoghol mal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala, fejn kelli xoghol bhala messaggier. Jien kont sejjer il-Bank of Valletta illi qieghed kwazi max-Xatt ta' Marsaskala, u allura kont gej mid-direzzjoni tal-lukanda Cervjola fi Triq il-Qaliet, direzzjoni 'l isfel lejn il-pjazza. Fid-direzzjoni li kont miexi fiha jien, ma kienx hemm vetturi ohra ghaddejjin dak il-hin. Kienu s-siegha ta' wara nofsinhar bejn wiehed u iehor.*

*3. Jiena u bdejt naqbad in-nizla lejn ix-xatt, rajt tifel jaqsam it-triq bl-addocc mill-lemin ghax-xellug tat-triq. Fil-pront harget mara tigri warajh. Malli rajt hekk, jiena ppruvajt inzomm il-brake tal-mutur imma l-mutur ma zammx u remieni mill-ewwel. Waqt illi kont ghadni qed inzomm il-brake niftakar ukoll illi bdejt nghajjat biex dil-mara zzul min-nofs. Dan kelli naghmlu ghaliex hi ma kinitx qed thares fid-direzzjoni mnejn kont gej jien, imma kienet thares 'l isfel lejn in-naha tax-xatt.*

*4. Wara li nfridt mill-mutur, il-mutur baqa' jixkana, u tajjar lil din il-mara, li safrattant kienet waslet f'nofs ta' triq. Wara li laqat lis-sinjura il-mutur baqa' jixkana sakemm waqaf f'karozza illi kien hemm ipparkjata fuq in-naha tieghi tat-triq. Nghid illi din il-karozza kienet ipparkjata bl-addocc wiccha 'l fuq flok wiccha 'l isfel), u kienet angolata kif tidher fl-isketch tal-Pulizija. Wara rrizulta illi din il-karozza kienet tas-sinjura.*

*5. Nispjega illi fil-mument illi ntlaqtet is-sinjura, hi ma kienetx ghadha waslet ghall-karozza, u kienet xi ftit piedi ghadha 'l boghod mill-karozza taghha. Fil-fatt il-bibien kollha tal-vettura taghha kienu ghadhom maqhluqin.*

*6. Nghid illi wara l-incident, it-tifel tas-sinjura baqa' fuq il-post sakemm gie missieru u gabru. Il-familja kollha baqghet hemm sakemm waslet l-ambulanza u hadet is-sinjura l-isptar.*

*[...]*

*8. Naqbel illi s-sinjura, li wara sirt naf illi jisimha Pauline Hurst, baqghet ma' l-art fejn hemm immarkat fuq l-isketch tal-Pulizija."*

F'dan l-incident il-konvenut garrab ukoll xi griehi hfief u ttiehed il-poliklinika ta' Rahal Gdid.

In **kontro-ezami**[7] l-konvenut irrikonoxxa li t-triq fejn sehh l-incident hija wahda dritta. Huwa qal li kien ghaddej b'velocita' ta' circa 20 km fis-siegha. Huwa ta deskrizzjoni tat-tifel li qal li ra jaqsam it-triq ftit qabel l-attrici. Skont il-konvenut, huwa kien bejn zewg u erba' metri 'l boghod mit-tifel meta rah l-ewwel darba u l-istess tifel kien ghadu fuq il-karreggjata tan-naha tal-hanut *Sparkle Image*. Meta mbaghad ra lit-tifel jaqsam quddiemu, skont il-konvenut huwa beda jghajjat biex it-tifel izul minn nofs ghax ma setax iwaqqaf il-mutur peress li kien ghan-nizla u jarmih minn fuqu. Il-konvenut izid li wara li qasam dan it-tifel, qasmet mara li hu ddeskriva bhala omm l-istess tifel, l-attrici Hurst. Insista li hi bdiet thares 'l isfel u mhux lejn in-naha ta' fuq tat-triq. Il-verzjoni tal-konvenut tkompli li hu beda jghajjat biex hi zzul minn nofs, ghafas il-brejk u nqaleb minn fuq il-mutur.

Dwar it-triq fejn sehh l-incident xehdet l-ufficjal tal-Pulizija li nvestigat dan l-incident **WPS Isabella Camilleri**[8]. Hija qalet hekk –

*"Triq il-Qaliet hi triq principali. Fejn sehh l-incident, Triq il-Qaliet hi fid-dritt. Ikjar 'il fuq mill-hanut Sparkle Image tilwi. Sal-gurnata tal-lum il-hanut Sparkle Image hemm ghadu. Minn naha ta' isfel, fejn hemm ir-restaurant Grabiel, jekk kellek thares fid-direzzjoni ta' Triq il-Qaliet, il-vista ghandha ttik sa fejn hemm il-hanut Sparkle Image."*

Ix-xhud ikkonfermat li n-naha fejn sar l-incident *"hemm vizwali*[9]" u li ma hemm ebda *pedestrian crossing* peress li z-zewg *pedestrian crossings* li hemm fl-

[7] Fol 199 et seq
[8] Fol 129 et seq
[9] Fol 130

akwati huma ‘l boghod. Is-surgent tal-Puzlija qalet ukoll li lill-attrici sabitha fl-art proprju fejn hemm salib fuq l-iskecc[10].

## 2. Danni b’rizultat tal-incident

Irrizulta mill-provi li kawza ta’ dan l-istess incident, mhux biss l-attrici garrbet feriti li kkawzawlha dizabilita’ ta’ natura permanenti, izda saret ukoll hsara fil-vettura tal-attur.

a. <u>Dizabilita’ permanenti tal-attrici</u>

Fl-affidavit taghha l-attrici tghid[11] li mad-daqqa li hadet bil-mutur tal-konvenut, hija ttajret ghal nofs it-triq u ghalkemm baqghet f’sensiha hasset hafna ugiegh. Giet l-ambulanza u hi u tittiehed l-isptar bdiet tirrealizza li kellha griehi serji f’sieqha l-leminija, fejn l-ghaksa ta’ sieqha kienet maqlugha ‘l barra lejn ix-xellug u dehret imdendla. Ma setghetx tigi operata mill-ewwel minhabba fjammazzjoni li zviluppatilha u ghamlet aktar minn gimgha l-isptar. Hemmhekk kienet taht il-kura ta’ Mr Carmel Sciberras ghalkemm kien hemm okkazjonijiet fejn giet ezaminata minn kollega tieghu. Qabel ir-rilaxx taghha mill-isptar ghamlulha l-gibs u nghatat anke krozzi peress li ma setghetx timxi sew. Ghamlet diversi xhur bil-gibs u l-krozzi sakemm l-ghadma regghet ghaqdet. Meta eventwalment tnehhielha l-gibs, hija xorta wahda ma kinitx f’qaghda li timxi sew u ghalhekk baqghet tuza l-krozzi ghal circa sitt xhur sakemm regghet bdiet timxi b’mod regolari. Fuq parir tal-konsulent ortopediku Mr Sciberras hija kienet anke ghamlet diversi sessjonijiet ta’ fizjoterapija gewwa l-isptar. B’rizultat ta’ dan kollu, l-attrici, li hija mpjegata bhala *nursing aid* mal-Gvern, kienet kostretta mhux biss tirritorna x-xoghol fuq *light duties* imma wkoll li tiehu perjodi twal ta’ *sick leave* li parti minnu kien anke bla hlas[12]. Meta eventwalment giet trasferita ghal sezzjoni ohra mal-Gvern stess, ma setghetx

[10] Fol 7
[11] Fol 60 et seq
[12] Fol 63 - 108

tibqa' tahdem bil-*light duties* u dan qed johloqilha nkonvenjent peress li tkun spiss mugugha minhabba li taghmel sighat twal fuq saqajha.

L-attrici giet iccertifikata minn zewg konsulenti *ex parte*, Mr Carmel Sciberras u Mr Massimo Abela, kif ukoll mill-espert mediku mqabbad mill-Qorti Mr Joseph N. Borg. Ilkoll ikkonkludew li dan l-incident ikkawzalha dizabilita' permanenti.

**F'rapport mediku datat 25 ta' Novembru 2010[13], Mr Carmel Sciberras** ikkonstata fost ohrajn li hi ma kinitx tista' toqghod bilwieqfa ghal perjodi twal u lanqas timxi ghal distanzi twal. Ukoll, meta jkollha ugiegh fl-ghaksa, specjalment f'temp kiesah, hija tibda zzappap. Barra minn hekk ma ssibhiex facli li titla' u tinzel it-tarag u minn wara l-operazzjoni mhux qed issibha facli li ssib zraben adattati ghaliha minhabba n-nefha tal-ghaksa. Mal-konsulent l-attrici cahdet li hija qatt kienet weggghet dik l-ghaksa qabel l-incident *de quo*. Huwa kkonkluda li –

*"Ms Hurst seems to have had a good result following open reduction and internal fixation of the fracture – dislocation of her R. ankle.*

*The joint line was involved and hence there is a possibility that she may develop degenerative changes (osteoarthritis) later.*

*The scars will become less visible with time. Likewise the swelling but this will probably not go away completely.*

***DISABILITY: 3% (three per cent)**."*

Il-konsulent **Mr Massimo Abela** ikkonferma li hija kellha ksur u zlogatura tal-ghaksa tal-lemin. Ghalih, id-diffikulta' li jista' jsib pazjent b'dawn it-tip ta' griehi huwa li jkollu diffikulta' biex jitla' tlajja jew biex jimxi fi triq imharbta, kif ukoll li fil-futur tista' tizviluppalu l-artrite f'dik iz-zona. Fil-kaz tal-attrici,

[13] Fol 32 et seq

skont dan il-konsulent, din il-probabilta' hija sostanzjali[14]. Inoltre f'**rapport mediku tieghu datat 18 t'April 2011**[15]**,** l-istess Mr Abela kkonkluda hekk -

*"Ms Pauline Hurst suffered an injury of a grievous nature after being involved in a road traffic accident on 05/09/2007. She sustained a fracture dislocation of the right anke joint. This was a high energy injury as evidenced by the delay in instituting surgical stabilisation in view of the extent of the associated soft tissue damage. Although all fractures have healed following surgery it is likely that Ms Hurst will develop degenerative changes in her ankle joint (secondary, post-traumatic osteoarthritis). Should this become symptomatic (pain and stiffness) there is a possibility that she will come to need further surgery.*

***I rate Ms Pauline Hurst's level of permanent disability at 4% (four percent)****."*

L**-espert mediku appuntat mill-Qorti Mr Joseph N. Borg** minn naha tieghu, wara li ezamina lill-attrici, irrediga rapport datat 14 ta' Frar 2016 li fih ikkonstata li –

*"On examination Mrs Hurst was found to be a fit and healthy, well built lady. She had some difficulty with indressing her socks and shoes on the right side.*

*On inspection she had a clearly visible well healed operative scars over his medical and lateral malleoli.*

*There was definite swelling on the ankle especially in the lateral side. The lateral scar was exquisitely tender over the proximal end.*

*She lost 5 degrees of dorsiflexion and another 5 degrees of plantar flexion in the ankle and the subtalar joint was also stiffer than the contralateral side but this was difficult to quantify*[16]*."*

[14] Xhieda a fol 156-157
[15] Fol 8 et seq
[16] Fol 218

Dan l-espert sab ukoll li l-firxa ta' movement tal-attrici hija limitata ghalkemm adegwata ghal hafna attivitajiet fil-hajja normali ta' kuljum. Madankollu mill-MRI li sar fuq l-attrici intwera li mhux biss kellha "*arthritic changes bit also an osteochondral (bone and cartilage) defect. This does not resolve and on the balance of probabilities these changes are post traumatic and causing her symptoms.*"

Mr Borg ikkonkluda li –

***"Given that it is unlikely that the impairment will improve, in my opinion, she has a 5% permanent disability."***

b. <u>Hsarat fil-vettura tal-attur</u>

Kif inghad, wara li l-mutur tal-konvenut Fava tajjar lill-attrici, huwa habat mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAO-037 proprjeta' tal-attur Garry Hurst. L-attur xehed li l-hsara kienet fuq in-naha tax-xellug tal-vettura, fil-genb it-tul taghha[17].

Fir-rapport tal-Pulizija gew indikati: *"teared elastic running board on front left side and dents from front left side to rear left side[18]."*

Fil-21 t'April 2008, gie mhejji rapport tad-danni fuq din il-vettura mis-**surveyor Joseph Cortis[19]** u gew esibiti xi ritratti ta' dawn l-istess hsarat. Dan is-surveyor qal li –

***"Report/Damages***

*This motor vehicle had a moderate impact on the left side, mainly on the lower area of the doors and sill (running board). The side sill cover was broken, and the sill panel was badly buckled. Both left side doors were dented.*

***Repairs***

[17] Fol 185
[18] Fol 54
[19] Fol 111 et seq

*The left side sill cover shall be replaced. The front left door, rear left door, left rear wheel arch, and left sill, shall be repaired."*

Cortis qal ukoll li min-natura tal-hsara fuq il-vettura huwa possibbli li l-mutur kien ghadu qed jitkaxkar meta ntlaqtet il-vettura[20].

Il-Qorti tosserva li nonostante li s-*survey* fuq il-vettura tal-attur sar diversi xhur wara l-incident in kwistjoni, ma jirrizultax li l-hsarat riskontrati minn Joseph Cortis m'humhiex kompatibbli mad-danni li gew konstatati *a tempo vergine* kif indikat lill-Pulizija.

**3. Responsabilta' ghall-incident stradali**

Elenkati l-verzjonijiet tax-xhieda msemmija, l-Qorti tqis opportun li qabel ma tippronunzja ruhha dwar ir-responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni jehtieg li jigu ezaminati l-obbligi mposti kemm fuq is-sewwieq kif ukoll fuq min ikun qieghed jaqsam it-triq, liema obbligi johorgu primarjament mill-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq *(Highway Code)* u huma ripetutament imsemmija mill-Qrati fil-gurisprudenza.

Dan il-Kodici jipprovdi diversi linji gwida dwar **<u>l-obbligi tas-sewwieqa</u>** fosthom li -

*"153. Dejjem ahseb minn qabel x'jistghu jaghmlu l-pedestrians u c-ciklisti. Jekk il-pedestrians, partikolarment it-tfal, qeghdin iharsu n-naha l-ohra, dawn jistghu jinzlu fit-triq minghajr ma jarawk.*

*187. Oqghod attent u kun prudenti lejn ohrajn li qed juzaw it-triq.*

*216. MA TISTAX*

- *Issuq bl-addocc*
- *Issuq minghajr ma toqghod attent*

[20] Fol 138

• *Issuq bla ma tahseb f'haddiehor li jkun qed juza t-triq."*

Minn naha l-ohra, l-istess Kodici jelenka wkoll diversi obbligi ta' **<u>min ikun ser jaqsam it-triq</u>**, ewlenin fosthom li:

*"**22.** L-ewwel sib post bla periklu minn fejn taqsam. Hafna ahjar li taqsam minn subway, pontijiet ghall-passagg bil-mixi, islands, zebra (postijiet ta' qsim ghall-pedestrians) jew pelican crossing, jew fejn hemm post minn fejn taqsam taht il-kontroll ta' ufficjal tal-pulizija, school crossing patrol jew gwardjan tat-traffiku. Inkella aghzel post minfejn tkun tista' tara sew in-nahat kollha. Ipprova evita li taqsam minn bejn vetturi pparkjati u kisriet f'daqqa u l-quccata ta' telghat. **Mur f'post fejn is-sewwieqa jkunu jistghu jarawk sew.***

***23.** Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk ihallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun gej xi hadd. Tersaqx qrib hafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew sidewalk zomm lura mit-tarf tat-triq izda kun zgur li tista' tara t-traffiku li jkun gej u li t-traffiku jkun jista' jara lilek.*

***24.** Hares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistghu jigu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, ghax kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah.*

***25.** Jekk tkun gejja xi vettura, halliha tghaddi. Erga' hares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugh minghajr periklu fit-traffiku u inti tkun zgur li hemm hafna hin. Ftakar, anke jekk vettura ghadha 'l boghod, tista' tkun riesqa b'velocità kbira.*

***26.** Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq – tigrix, tmurx lagenba. Ibqa' hares u ssemma' ghat-traffiku waqt li tkun qed taqsam, fil-kaz li jkun*

*hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-kaz li jitfacca xi traffiku ghall-gharrieda."*

Dawn l-obbligi tas-sewwieqa u l-*pedestrians* gew ripetutament applikati fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Fil-kaz **Joseph Mifsud proprio et noe vs Tania Craus deciz fis-7 t'Ottubru 2005**[21] gie osservat -

*"Illi hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah 'a reasonable look out', liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli..." 'Reasonable look out' ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view [Vol. LXXXII.III.322]. 'The duty to look implies the duty to see what is in plain view' [Gibbs – Trial of Motor Car Accident Cases Sec.54]. Izda ghalkemm is-sewwieq ghandu l-obbligi fuq premessi, anke il-pedestrian ghandu certu obbligi li jrid josserva qabel ma jinvadi territorju li mhux tieghu, u cioe` qabel ma jaqsam il-karregjata."*

Imbaghad fil-kaz fl-ismijiet **Kevin Vella vs David Briffa deciz fis-7 t'Ottubru 2015**[22] il-Qorti qalet hekk:

*"Dan il-kuncett ta' proper look-out gie addottat mill-Qrati Inglizi fil-kawzi* ***Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Limited*** *, fejn il-Qrati Inglizi rritenew:*

*"Keeping a proper look-out means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a*

[21] App Civ Nru 1417/96
[22] Rik Nru 310/07 Prim Awla tal-Qorti Civili

*road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Fil-kaz **Albert Zammit vs Marcel Ellul deciz fid-9 ta' Marzu 2017**[23] din il-Qorti diversament preseduta elenkat rassenja ta' gurisprudenza rilevanti f'dan il-kuntest -

*Sabiex tasal għal deċiżjoni dwar x'kienet il-kawża prossima tal-inċident mertu tal-kawża, din il-Qorti jeħtieġ illi tibda billi tikkunsidra kemm l-obbligi tas-sewwieq kif ukoll dawk tal-pedestrian bħala utent tat-triq, obbligi li huma ormai stabbiliti sew fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna.*

*Fil-kawża fl-ismijiet **Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Jannar 1997 ingħad illi:*

*"f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabilità ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabilità u mhux l-ekwità u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti".*

*Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Untours Insurance Agency Limited pro et noe ve Etienne Saliba et** tad-29 ta' Jannar 2004, ingħad illi ż-żewġ regoli kardinali tas-sewqan fi kwistjonijiet ta' stħarriġ ta' responsabbiltà tas-sewwieq, huma: fl-ewwel lok li sewwieq għandu jirregola s-sewqan tiegħu skont iċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi), u fit-tieni lok, sewwieq għandu jżomm 'a proper lookout' u ċioè li jkun attent għal*

[23] Rik Gur 290/06

*dak li jkun qiegħed iseħħ madwaru jew mistenni li jseħħ minnufih. Sewwieq ikun ikkontribwixxa għall-inċident jekk ma jkunx żamm 'a proper lookout', liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli (***Dr Louis Bianchi noe vs Michelle Cassar***, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Novembru 1998).*

*Madanakollu, m'huwiex biss is-sewwieq tal-vettura li għandu obbligi xi jħares iżda wkoll l-utenti l-oħra tat-triq ossia pedestrians li għandhom ukoll obbligi fl-investiment tagħhom tat-toroq. Il-punto di partenza huwa proprju l-fatt illi kemm pedestrians kif ukoll sewwieqa ta' vetturi għandhom kemm drittijiet kif ukoll obbligi u doveri x'josservaw, meħud in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi li jkunu jinsabu fihom. Jista' jingħad illi sewwieq għandu obbligi akbar peress li huwa qiegħed juża magna perikoluża. Madanakollu, dan ma jfissirx ili hemm xi presunzjoni kontra s-sewwieq, u kull każ irid jiġi eżamint fuq il-mertu tiegħu.*

*Din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Dr Philip Manduca noe vs George Carmel Bugeja*** *tas-26 ta' April 2012 għamlet rassenja tal-ġurisprudenza dwar id-doveri tal-utenti tat-triq kemm tas-sewwieqa kif ukoll tal-pedestrians:*

*"Illi f'materja ta' incidenti tat-traffiku hemm is-sentenza "***Il-Pulizija vs Dockyard PC 347 Carmel Mifsud"*** *(App. Krim. – 26 ta' Gunju 1954) fejn inghad li meta ma kienx hemm regolamenti li jiddixxiplinaw il-pedestrians intqal li l-pedestrian li jaqsam it-triq ghandu d-dritt kollu li d-driver juza d-diligenza mehtiega biex jevitah, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement; u d-driver ghandu jkun ritenut responsabbli, jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu fil-posizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih id-driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilta' hu dak biss li fih il-pedestrian, b'xi att inaspettat u subitaneu, jew xort'ohra b'xi*

*ghemil tieghu, ikun qieghed lid-driver f'pozizzjoni li, anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega, dan ma setax assolutament jevita l-investiment.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Joseph Micallef vs Joseph Sammut**" (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001) gie ritenut:-*

*"Illi ma dan irid jinghad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq, u fil-fatt irid jipprova li huwa "used such care for his own safety as is a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances" (Gibb para 127)."*

*Illi relevanti wkoll dak li inghad fis-sentenza "**Rita Calleja vs Joseph Agius**" (PA (JSP) 5 ta' Ottubru 1995 – Vol. LXXIX.ii.1277) fejn gie riaffermat il-principju li:-*

*"Jekk pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qieghed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi tenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza (Vol. XXXIX.iv.1031)".*

*Illi dwar id-difiza tas-sudden emergency ma tistax tigi sollevata b'success meta kien hemm "qabel" vjolazzjoni mill-parti tad-driver, ghax allura jkun hu stess li holoq l-emergenza b'dik li tissejjah self-created incapacity in kwantu li ma setax izomm a tempo, stante li kien miexi bi speed zejjed (vide "**Il-Pulizija vs Capt. Arthur Gera**", 13 ta' Dicembru 1958 u "**Stephen Borg vs Godwin Sant**" – P.A. (RCP) – 26 ta' Frar 2009).*

*Illi imbaghad fis-sentenza "**Antonella Tonna vs Roderick Gauci et**" (P.A. (G.V.) – 8 ta' Ottubru 2004 - Cit. Nru: 2025/00/GV) intqal hekk :-*

*"Skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati ma hemmx dubju li pedestrian huwa ntitolat ghall-ezercizzju ta' reasonable care da parti tad-drivers, anke meta jinzlu mill-bankina u jkun fil-carriageway, u ghalhekk il-fatt li pedestrian kien fil-carriageway ma jezonerax lid-driver mill-htija, jekk dan id-driver ma jkunx uza reasonable care" (***App. Krim P vs C Demicoli** *Vol 37 p4 p 1157)".*

*"M'hemmx presunzjoni li pedestrian ghandu dejjem ragun. Imma lanqas m'ghandu jitqies bhala intruz" (***App. Civ. Bongailas vs Mercieca** *Vol.L 1 p 15)".'*

*Speċifikament dwar l-obbligi tal-pedestrian, fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet* ***John Ransley et vs Edward Restall et*** *tal-10 ta' Mejju 2005 ingħad hekk:*

*"Dwar il-pedestrian jinghad li dan ghandu juza l-massimu prudenza meta jigi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-Highway Code jghidu hekk:*

*"20. Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways.*

*21. Before you cross, stop at the kerb, look right, look left, and look right again. Do not cross before the road is clear."*

*Il-pedestrian suppost li jara vettura gejja ghax din ma taqax mis-sema. Ukoll fattur indikattiv dwar tort ta' pedestrian huwa meta jkun ghadu kif nizel il-bankina ghax jekk ikun kwazi qasam it-triq allura id-driver ikun kellu possibilta' kbira li jilhaq jarah. Li persuna tintlaqat vicin tal-bankina minn fejn tibda taqsam, hija indikattiva ta' distanza ravvicinata hafna ghall-karozza li ttajjarha. Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fl-***ismijiet Micallef George nomine vs Camenzuli Gordon*** *deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997].'*

*Fil-kawża* ***Il-Pulizija vs Alfred Caruana*** *tal-14 ta' Mejju 1995 ingħad illi:*

*"Il-pedestrian ghandu certament id-drittijiet fic-cirkostanzi tat-traffiku imma ghandu wkoll obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ipoggi ruhu f'post fejn mhux suppost ikun (bhal roundabouts) u d-driver li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian f'din il-kontingenza."*

*Rilevanti għall-iskop ta' din il-kawża huwa dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha* **Il-Pulizija vs George Micallef** *tas-6 ta' Mejju 1961:*

*"biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg Ii jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian Ii gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b'margini sufficienti ta' sikurezza."*

*Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* **Saviour Cutajar vs Julian Attard** *tas-27 ta' Jannar 2011 spjegat illi:*

*"Ma hemmx dubju li huwa obbligu tal-pedestrian li qabel ma jaqsam jiehu konsiderazzjoni tal-post minn fejn ikun qed jaqsam u joqghod attent li ma jkunx qed johloq ostakolu ghat-traffiku li jkun qed juza l-istess triq b'mod normali, b'mod li ma ghandux jahsad lill-istess sewwieqa li jkunu fit-triq. Tenut kont tat-triq minn fejn l-attur qasam hija opinjoni ta' din il-Qorti li l-ghazla li ghamel l-attur certament li ma hijiex wahda konsiljabbli, tenut kont li hija triq arterjali u*

*dan jirrendi ghall-kaz in ezami l-obbligu tal-pedestrian iktar oneruz meta jasal sabiex jaqsam it-triq, iktar u iktar meta huwa ha din id-decizjoni li jaqsam minn fejn qasam."*

*Finalment, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet ilQorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* **Carmelo Sciberras vs Gilbert Caruana** *tad-9 ta' Marzu 2007:*

*"Issa huwa minnu li fl-ezami ta' kazi fejn ikun hemm incidenti li jinvolvu korrimenti ta' pedestrians li jigu in kuntatt ma' vettura tas-sewqan, element importanti huwa l-fatt li min ikollu taht idejh kontroll ta' vettura ghandu juza dik il-prudenza u attenzjoni sabiex, mhux biss ikollu dejjem kontroll tal-vettura tieghu, izda li jkollu konoxxenza ta' dak li jkun qed jigri fit-triq biex jevita xi sinistru u dan specjalment meta jkun hemm utenti ohra tat-triq bhal ma huma pedestrians. Dana billi l-impatt bejn vettura tal-mutur u persuna jista', u generalment ikollha, konsegwenzi koroh ghall-istess pedestrian.*

*Dan premess, izda, ghandu dejjem jkun enfasizzat li l-karreggata hija principalment intiza ghal uzu tal-vetturi u, fil-kazi li pedestrian jittanta jaqsam l-istess karreggata mhux f'dawk il-postijiet intizi ghal dan l-iskop, jista' jaghmel hekk biss, kif osservat l-Qorti ta' l-Appell Ingliza "provided he takes reasonable care" (Clerk & Lindsell, Tort, 16th Edition pagna 521). Dan ir-rekwizit tar- "reasonable care" huwa mehtieg minhabba l-ispeed li tivvjagga vettura paragunat mal-mod pjuttost "slow" tal-mixi ta' persuna, anke jekk din tkun qed titharrek."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz tal-lum, l-Qorti ssib li gie ampjament konstatat li Triq il-Qaliet, fil-parti fejn sehh l-incident hija dritta u l-vizwali hija tajba. Irrizulta li l-attrici kienet diga' qasmet aktar minn nofs it-triq u allura li kieku l-konvenut uza l-prudenza u d-diligenza mehtiega minnu huwa mhux biss kien jilhaq jara lill-attrici taqsam it-triq izda kien ikun f'qaghda li jiehu l-mizura

ta' prekawzjoni necessarja biex jevita li jolqot u jwegga' lill-attrici. Dan partikolarment meta hu jinsisti li kien qieghed isuq b'velocita' baxxa. Huwa evidenti ghall-Qorti illi l-konvenut naqas ferm mill-obbligi tieghu ta' sewwieq ghax bi traskuragni u nuqqas t'attenzjoni tieghu huwa mhux biss ipprova jimmanuvra l-mutur meta kien tard wisq, talli spicca ntrema minn fuqu, wegghet l-attrici u bl-istess mutur saret hsara wkoll fil-vettura tal-attur peress li dan l-istess mutur baqa' jixkana sakemm waqaf mal-vettura msemmija.

Il-Qorti temmen lill-konvenut li huwa beda jghajjat biex jigbed l-attenzjoni tal-attrici li kien qieghed javvicinaha, verzjoni li hu sostna wkoll *a tempo vergine* meta ta l-verzjoni tieghu lill-Pulizija fuq il-post tal-incident[24]. Ghal kull buon fini, ghalkemm fil-proceduri odjerni x-xhud **Jonathan Micallef**, direttur tal-hanut *Sparkle Image*, iddikjara li ma jiftakar xejn mill-incident *de quo*[25], fix-xhieda guramentata tieghu fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-konvenut odjern, dan ix-xhud ukoll kien ikkonferma li hu kien sema' lill-konvenut jghajjat lill-attrici sabiex twarrab. Izda l-fatt wahdu li Fava ghamel dan it-tentattiv biex jigbed l-attenzjoni tal-attrici ma jezonerahx mill-obbligu ewlieni li huwa kellu u cioe' li jzomm *a proper look out* fit-triq **il-hin kollu** fosthom ghall-*pedestrians* li qeghdin jaqsmu t-triq sabiex jevita li jwegga' lil xi hadd minnhom. Dan jinghad aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li fil-hin tal-incident it-triq kienet pjuttost kwieta u minghajr traffiku b'dana li l-konvenut ma kellu ebda ostaklu ghall-vizwali tieghu.

Ferm il-premess, il-provi mressqa ma jaghtux kredibilita' lit-tezi tal-konvenut li li tifel ta' circa hames snin, allegatament iben l-attrici, kien qieghed jaqsam it-triq bl-addocc ftit qabel ma qasmet l-attrici. Jirrizulta li *a tempo vergine* fir-rapport lill-Pulizija huwa ma kien semma ebda tifel jaqsam it-triq izda semma

[24] Rapport tal-Pulizija a fol 54
[25] Fol 158-159

biss lill-attrici bhala l-unika persuna li kienet qeghda taqsam it-triq dak il-hin[26]. Dan jikkombacja mal-verzjoni tal-attrici li hija kienet wahedha dakinhar u anke mal-verzjoni moghtija minn Jonathan Micallef quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-proceduri kriminali msemmija, tant li dik l-istess Qorti kkonstatat li Micallef xehed bil-gurament *"illi ma ra l-ebda tifel qed jaqsam it-triq u li Hurst kienet wahedha*[27]*."* F'kull kaz hija nverosimili ghall-ahhar illi skont il-verzjoni tieghu stess huwa kien tant qrib "it-tifel" u ma laqtux, izda mbaghad laqat biss lill-attrici.

**Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-konvenut Giuseppe Fava ghandu jgorr il-maggor parti tat-tort ta' dan l-incident.**

Minn naha l-ohra, fir-rigward tal-attrici Pauline Hurst, ma ngiebet ebda prova li qabel ma bdiet taqsam it-triq lura lejn il-vettura taghha hija naqset minn xi obbligu li jispetta lilha bhala pedestrian. Hi stess qalet li qabel ma qasmet harset fuq iz-zewg nahat tat-triq sabiex taccerta ruhha li ma kienx gej traffiku u li kien meta accertat li t-triq hija libera li hija bdiet taqsam[28].

Sabiex pero' jigi determinat jekk l-attrici kkontribwietx ghal dan l-incident, importanti li jigi stabbilit qabel xejn fejn kienet l-attrici fil-mument li giet investita mill-konvenut. Il-Qorti bla tlaqliq tghid li hija ma temminx il-verzjoni li l-attrici tat f'dawn il-proceduri li fil-mument tal-incident hija kienet diga' waslet hdejn il-vettura taghha u fethet il-bieba tan-naha tax-xufier. Bhala punt tat-tluq din il-verzjoni hija diga' in kontradizzjoni ma' dak li almenu xehdet hija stess **bil-gurament** fil-proceduri kriminali kontra l-konvenut meta hemm kienet qalet li waslet vicin il-vettura taghha u kienet ghadha ser iddahhal ic-cavetta fil-bieba tal-vettura[29]. F'kull kaz, hija d-dinamika stess ta' kif sehh l-incident li ma

[26] Fol 54
[27] Fol 15
[28] Fol 60 – affidavit tal-attrici.
[29] Sentenza "Il-Pulizija vs Giuseppe Fava" deciza fit-28 ta' Settembru 2011 a fol 13 et seq

jaghtix kredibilita' lil din il-verzjoni tal-attrici quddiem din il-Qorti. Is-surveyor Joseph Cortis imqabbad mill-atturi stess xehed li fil-fehma tieghu, min-natura tad-daqqiet fuq il-vettura, l-bibien kienu maghluqa meta sehh l-impatt mal-mutur[30]. Barra minn hekk, mill-mod kif kienet parkeggjata l-vettura, il-bieba tax-xufier (li l-attrici tallega li kienet fethet) kienet fuq in-naha tal-bankina u mhux in-naha tat-triq. Ghalhekk zgur ma jistax ikun li l-attrici kienet vicin il-bieba tax-xufier ghax kieku kienet tkun diga' lahqet qasmet it-triq kollha u telghet il-bankina. Inoltre, u kif indikat fl-*isketch* tal-Pulizija, il-lok li fih spiccat l-attrici wara d-daqqa, u cioe' lejn in-nofs tal-kareggjata li fiha kien qed isuq il-konvenut, difficilment jitqies kompatibbli ma' din il-verzjoni tal-attrici li fil-mument tal-impatt hi kienet diga' fethet  il-bieba tal-vettura taghha.

Il-Qorti temmen invece li l-attrici la kienet ghadha waslet hdejn il-vettura taghha u lanqas kienet dahhlet xi cavetta biex tiftah xi bieba. Fil-fehma tal-Qorti hija kredibbli u verosimili l-verzjoni tal-konvenut li l-attrici kienet ghadha qed taqsam it-triq u kienet tinsab almenu ftit piedi 'l boghod mill-vettura taghha. Inoltre u ghal kull buon fini, ghalkemm fil-proceduri odjerni x-xhud **Jonathan Micallef**, direttur tal-hanut Sparkle Image, iddikjara li ma jiftakar xejn mill-incident *de quo*[31], **fix-xhieda guramentata tieghu** fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-konvenut odjern, huwa gie direttament kwotat li qal hekk –

"*meta Hurst ittajret hija kienet lahqet qasmet aktar min nofs tat-triq….**Nikkalkula li kienet tinsab f'nofs il-karregjata minn fejn kien gej il-mutur***[32]*"*.

Huwa wkoll sinifikanti li a *tempo vergine* l-istess attrici qalet lill-Pulizija li[33] –

[30] Fol 138
[31] Fol 158-159
[32] Fol 15 tas-sentenza esibita fil-process. Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[33] Rapport tal-Pulizija  afol 54

*"**Jiena kont qeghda naqsam**[34] fi Triq il-Qaliet, Marsaskala minn naha tal-hanut "Sparkle" ghall-faccata…."*

Dan kollu jikkonvinci lill-Qorti li fil-mument tal-impatt bejnha u bejn il-mutur tal-konvenut, hija kienet ghadha fil-process li **qeghda taqsam it-triq.** Isegwi ghalhekk li hi kellha tibqa' tosserva l-obbligi taghha ta' *pedestrian*, partikolarment dak li hemm stipulat fir-regola 26 tal-*Highway Code* succitat, u dan billi tibqa' thares u tissemma' ghat-traffiku fil-kaz li fit-triq ikun hemm traffiku li ma tkunx ratu, jew fil-kaz li jitfacca xi traffiku ghall-gharrieda.

Huwa hawn li fil-fehma tal-Qorti rrizultat in-negligenza tal-attrici. Il-Qorti tosserva li *a tempo vergine* lill-pulizija qaltilhom li lill-konvenut *"Jiena ma rajtux*[35]*"*. In kontro-ezami quddiem din il-Qorti hija regghet ikkonfermat "*Jien lanqas kont naf li tajjarni mutur. **Il-Mutur qatt ma rajtu**[36].*" Dan meta ftit qabel waqt l-istess xhieda hija kienet ghadha kif qalet li t-triq fejn sehh l-incident *"hija wiesa u fiha tul. Tista' tara fit-tul anke fid-direzzjoni fejn hemm ic-Cerviola*[37]*."*

La ma ratx lill-konvenut meta t-triq hija dritta u b'vizwali cara huwa ovvju li l-attrici kienet distratta fil-mument tal-incident. Li kieku kienet attenta ghat-traffiku li gej mid-direzzjoni fuq ix-xellug taghha, u cioe' minn fejn kien gej il-flow tat-trafiku fil-parti tat-triq li fiha ttajret, hija setghet tara lill-konvenut. Zgur allura li hi ma kinitx qeghda thares fid-direzzjoni li minnha kien gej il-konvenut ghax kieku kienet tarah. F'dan l-isfond il-Qorti taghti wkoll kredibilita' lil dik il-parti tax-xhieda tal-konvenut fejn qal li l-attrici kienet qeghda thares l' isfel lejn in-naha tax-xatt fil-hin tal-impatt. L-istess konvenut

[34] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[35] Fol 54
[36] Fol 175 – Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[37] Fol 174

kien diga' nsista mal-pulizija *a tempo vergine* li l-attrici ma kinitx qeghda thares lejn id-direzzjoni tieghu hi u taqsam dik il-parti tal-karregjata[38].

Inoltre l-Qorti temmen dak li qal il-konvenut fix-xhieda tieghu li hu beda jghajjat biex jigbdilha l-attenzjoni izda evidentement l-attrici ma ndunatx. Kieku kienet attenta kif kellha tkun kienet tisimghu; dan meta hi stess qalet li dak il-hin it-triq kienet kwieta u ma kienx hemm wisq traffiku ghaddej. Huwa probabbli fil-fehma tal-Qorti li kien il-fatt li t-traffiku dak il-hin kien kajman li kkontribwixxa ghad-distrazzjoni taghha hija u taqsam it-triq ghax assumiet (erroneament) li ma kien hemm ebda periklu fil-vicinanzi.

Ghal din il-kontributorjeta' taghha l-attrici ghandha tirrispondi wkoll ghar-responsabilta' tal-incident, anke jekk fi grad inqas minn dak tal-konvenut.

**Wara li qieset dawn il-fatturi kollha l-Qorti ssib li r-responsabilta' ghal dan l-incident ghandha tinqasam hekk: sebghin fil-mija (70%) l-konvenut Giuseppe Fava u tletin fil-mija (30%) l-attrici Pauline Hurst.**

Fic-cirkustanzi ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' limitatament kif hawn deciz kemm l-ewwel talba tal-atturi kif ukoll l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti.

**4. Likwidazzjoni u hlas ta' danni**

Fl-isfond tal-konkluzjonijet tal-Qorti dwar ir-responsabilta' ghall-incident *de quo*, il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra t-tieni u t-tielet talba tal-atturi dwar il-likwidazzjoni u hlas ta' danni.

L-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi –

*"**1045.** (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb*

[38] Fol 54

*direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, ittelf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

a. ***Danni minhabba d-dizabilita' permanenti tal-attrici Pauline Hurst***

Fis-sistema taghna, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*).

Fil-kaz **Spiridione Zammit vs Mario Bonello deciz ricentament fit-30 ta' Marzu 2017**[39] din il-Qorti diversament preseduta gabret rassenja tal-principji generali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-gurisprudenza matul is-snin:

*"Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** – A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha multiplier system, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** – A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu." Ghalhekk, il-Qrati*

[39] Rik Gur 836/01LSO

*taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' Butler vs Heard. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi –* ***"Savona vs Asphar"*** *App. Deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("****Emanuel Mizzi vs Carmel Attard****":- 13.5.2003); u li "dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." –* ***"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"*** *– Appell deciz fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-kaz* ***"Paul Debono vs Malta Drydocks****" P.A. deciza fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tallucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l nkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati Taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam*

*ifissru l-multiplier bhala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases." **(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Ghalhekk gie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-kaz "**Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace**" Appell deciz fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier gie definit kif gej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the*

*plaintiff might anyway not have earned that income." (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).*

*Gie stabbilit li l-mulitplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident[40]. Illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[41].*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum*

---

[40] *"**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*
[41] *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

*rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death…..” (***Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

*Illi minn ezami tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna jirrizulta li l-multiplier adoperat kien varja u kien ta':-*

*- 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena* ***Mizzi vs Azzopardi*** *PA 16-Dic-2004;*

*- 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena* ***Butler vs Heard*** *App Civ Sup 22-Dec-1967;*

*- 15-il sena fuq persuna ta' 24* ***Gauci vs Xuereb*** *PA 29- Ott-1970;*

*- 18 fuq persuna ta' 28 sena* ***Camilleri vs Polidano*** *PA 1- Ott-1982;*

*- 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42* ***Bonnici vs Gauci*** *PA 15- Sett-1999;*

*- 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena* ***Bugeja vs Agius*** *App Civ Sup 26-Lul-1991;*

*- 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena* ***Dalmas vs Ghigo*** *App Civ Sup 5-Frar-1980;*

*- 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena* ***Caruana vs Camilleri*** *App Civ Sup 27-Feb-2004;*

*- 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena* ***Seisun vs Brincat*** *PA 29-Ott-1998;*

*- 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17* ***Turner vs Agius*** *App Civ Sup 28-Nov- 2003;*

*- 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26* ***Grima vs Penza*** *PA 30-Gun- 2004;*

*- 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena* ***Zammit vs Zahra*** *PA 20-Jan-2005;*

*- 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena* ***Sammut vs Zammit*** *App Civ Sup 3- Dic-2004;*

*- 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena* ***Mizzi vs Azzopardi*** *PA 16-Dic-2004.*

*Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' Multiplier. Zgur li*

*ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara* ***Bugeja vs Agius*** *fuq imsemmija] proprju minnhabba l-kontingenzi tal-hajja (chances and changes of life).*

***Tnaqqis minhabba lump sum payment***

*L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-lump sum payment b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkun ghadda zmien qasir mill-avveniment dannuz u s-sentenza finali (****Scicluna vs Meilaq*** *PA 16 ta' Lulju, 2001).*

*Fil-kawza fl-ismijiet "****Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe****." (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

*"Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

*Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz* ***"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"*** *deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

*"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz* ***"Jos Agius vs All Services Ltd."*** *(P.A. TM 1809/01 deciza fit-*

*2 ta' Gunju '05) "f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza."*

*Izda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza, dan ghaliex "jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "**Agius vs Fenech**" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "**Sylvester Tabone vs Carmen Abela"** P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u **"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd**." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012).*

B'applikazzjoni tal-principji suesposti ghall-kaz odjern:

***Damnum Emergens***

L-atturi ghamlu spejjez konsistenti fi:

- Hlasijiet lil konsulent Mr Massimo Abela – €180[42]
- Hlasijiet lil konsulent Mr CJ Sciberras – €160 [43]

Kien hemm ukoll tnaqqis fl-introjtu tal-attrici minhabba *sick leave* bla hlas li kienet hadet kawza tal-incident ghall-perjodu bejn il-5 ta' Settembru 2007 u l-14 ta' Jannar 2008 – €5748.05[44].

[42] Ricevuta datata 25 t'April 2011 a fol 109
[43] Ricevuta a fol 110
[44] Fol 147

Fic-cirkustanzi, ir-rifuzjoni tal-ammonti ndikati hija gustifikata.

Ghal kull buon fini l-Qorti tinnota li ghalkemm l-attrici allegat li hija kellha tiehu *sick leave* iehor bla hlas f'perjodi sussegwenti[45], hija naqset li ggib prova ta' dan it-telf.

**Total ta' damnum emergens: €6,088.05 (sitt elef, tmienja u tmenin Ewro u hames centezmi).**

***Lucrum Cessans***

a. Ghal dak li huwa **persentagg ta' dizabilita'** l-Qorti tinnota li l-persentaggi ndikati fit-tlett rapport medici esibiti huma fl-istess akwati. Hija ser tikkalkula l-persentagg ta' dizabilita bil-**hamsa fil-mija (5%)** kif stabbilit mill-espert mediku mqabbad minnha Mr Joseph N. Borg. Ghal din ir-raguni ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuti sejra tigi michuda.

b. Dwar **il-multiplier**, jirrizulta li l-attrici twieldet fis-16 ta' Frar 1968[46] u fid-data tal-incident kellu 39 sena. Kif inghad, il-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dak inhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal ghall-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni. Il-Qorti tqis li l-*multiplier* ghandu jkun **tnejn u ghoxrin (22) sena**, tenut kont tal-età tal-attrici fi zmien l-incident, tal-*working life expectancy* taghha f'xenarju fejn il-*life expectancy* tal-Maltin gholiet sostanzjalment, u liema multiplier qieghed ukoll jaghmel tajjeb ghall-fattur tac-*chances* u c-*changes of life*.

---

[45] Fol 61
[46] Fol 120

c. Ghal dak li huwa **salarju**, irrizulta li fis-snin ta' qabel u wara l-incident, id-dhul tal-attrici kien [47]:

**2006 – €13,238**

**2007 – €7,662.08**

**2008 – €14,652.45**

**2009 – €16,559.16**

**2010 – €15,890.04**

Dan id-dhul qieghed jigi kalkolat fuq il-paga li attwalment hadet f'idejha l-attrici wara t-tnaqqis tat-taxxa u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali. Dan in linea mal-gurisprudenza ricenti fosthom il-kaz **Violet Galea vs Direttur Responsabbli mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali deciz fit-22 ta' Marzu 2017** fejn il-Qorti qalet hekk-

*"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddma li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attriċi irid isir bi tqabbil ma' dak li kienet attwalment tirċievi kieku ma ndarbitx. Id-dħul disponibbli tagħha kien ikun dak id-dħul li jifdlilha wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurta' soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom fi ħwejjeġ bħal dawn."*

Id-dhul medju ghas-snin 2006, 2008, 2009 u 2010 kien ta' circa €15,085 fis-sena li parti minnu kien jinkludi l-*overtime* u li kif xehdet Lucienne Debono dan

[47] Fol 118 et seq u fol 148

ma jithallasx awtomatikament izda jithallas biss jekk jinhadem u jista' wkoll jigi rifjutat mill-haddiem[48]. Id-dhul ghas-sena 2007 mhuwhiex ser jittiehed in konsiderazzjoni ghal fini ta' kalkolu minhabba t-tnaqqis sostanzjali fid-dhul li l-attrici kienet kostretta ssofri minhabba s-*sick leave* fit-tul u bla hlas li kellha tiehu minhabba l-incident *de quo*[49]. (Fi kwalunkwe kaz is-sick leave ghas-sena 2007 gie ttiehed in konsiderazzjoni fil-kalkoli tad-*damnum emergens*.)

Meqjus is-suespost il-Qorti sejra timxi fuq is-somma ta' €15,000 li maghha ser izzid is-somma ta' €1,000 biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier*.

**B'hekk il-qliegh annwali ser jigi kalkulat fuq €16,000.**

Ghal dak li jirrigwarda t-tnaqqis minhabba li l-hlas ser isir f'daqqa (***lump sum payment***), il-Qorti fl-ewwel lok tinnota li l-kawza nfethet aktar minn hames snin wara l-incident u s-sentenza sejra tinghata erba' snin wara li gew intavolati dawn il-proceduri. Ma jirrizultax li kien hemm dilungar inutili mill-partijiet. Fic-cirkustanzi l-Qorti tqis li **t-tnaqqis ghandu jkun ta' 4 %.**

L-ammont dovut lill-attur bhala ***lucrum cessans*** sejjer ghalhekk jigi kalkulat kif gej:

€16,000 x 5% x 22 = €17,600 – 4% **= €16,896**

**Total ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans*: €6,088.05 + €16,896 = €22,984.05.**

---

[48] Fol 145-146
[49] Fol 147

***b. <u>Danni rigwardanti l-vettura tal-attur BAO-037</u>***

Mir-rapport dettaljat tas-surveyor Joseph Cortis jirrizulta li l-ispejjez totali ghat-tiswija tal-vettura tal-attur gew stmati li jammontaw circa €736.99 bil-VAT inkluz[50]. Ebda prova li tiddiskredita dan l-ammont ma tressqet mill-konvenuti u ghalhekk din ic-cifra hija meqjusa ragjonevoli. Ma dan l-ammont trid tizdied ukoll is-somma ta' €40 bhala hlas li ghamlu l-atturi ghall-istess survey[51].

**Total ta' danni: €776.99**

**Ghaldaqstant it-total ta' danni li rrizultaw lill-atturi minn dan l-incident huwa ta' €23,761.04.**

**In vista tat-tqassim ta' responsabilta' ghall-incident kif fuq indikat, <u>il-konvenuti solidalment bejniethom ghandhom jaghmlu tajjeb ghal 70% ta' din ic-cifra u cioe' sittax -il elf sitt mija u tnejn u tletin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€16,632.73).</u>**

Ghar-ragunijiet suesposti t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti ser tigi respinta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kaz billi:**

**1. Tilqa' limitatament kemm l-ewwel talba tal-atturi kif ukoll l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti u tiddikjara li l-konvenut Giuseppe Fava huwa responsabbli ghal sebghin fil-mija (70%) u l-attrici ghal tletin fil-mija (30%) tal-incident stradali li sehh nhar il-5 ta' Settembru 2007 gewwa Triq il-Qaliet Marsascala meta waqt li l-konvenut Fava kien qieghed isuq mutur LRN 250 huwa tajjar lill-attrici u sussegwentement l-istess mutur habat mal-vettura BAO 037 proprjeta' tal-attur, u dan minħabba nuqqas ta'**

[50] Fol 112
[51] Fol 117

**attenzjoni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku mill-konvenut Giuseppe Fava u mill-attrici Pauline Hurst;**

**2. Tillikwida d-danni li ghandhom jithallsu mill-konvenuti lill-atturi b'konsegwenza tal-istess incident fis-somma ta' sittax -il elf sitt mija u tnejn u tletin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€16,632.73);**

**3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom għall-ħlas tad-danni kaġunati u likwidati favur l-atturi fis-somma ta' sittax -il elf sitt mija u tnejn u tletin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€16,632.73);**

**4. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.**

**5. Bl-ispejjez jinqasmu hekk: 70% ikunu a karigu tal-konvenuti solidalment bejniethom u 30% ikunu a karigu tal-atturi.**

**6. L-imgħax li jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza kontra l-konvenuti solidalment bejniethom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep.Reg.**